MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Numru. 711/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**
**VS**
**KENNETH ATTARD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kenneth Attard ta’ 28 sena, iben Charles u Josephine nee’ Borg, imwieled San Giljan fis-17 ta’ Settembru, 1977, residenti fi 58, Flat 6, Triq Sir Luigi Camilleri, Sliema u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 501077(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-20 ta’ Marzu 2006 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, f’diversi postijiet, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc,

merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' diversi *optical diskettes* konsistenti f'DVD u DIVX *movies*;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta';

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsent ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-imputat gie mixli li qieghed f'cirkolazzjoni jew biegh ammont ta' DVDs u DIVX movies li kienu *non-compliant* u kien ikkopja u biegh madwar erba' mitt (400) DVDs minn *films* originali. Dawn huma citati fl-ewwel *statement* tieghu (Dok.AG3).

Fit-tieni *statement* (Dok.AG4), l-imputat kien iddownloadja erbatax (14)-il *file* li kienu filmati ndecenti ta' persuni taht l-eta'. Dwar dawn, l-imputat nnega li qatt kkopja jew iccirkola minnhom.

Illi, pero', minn indagini aktar intensivi ta' Superentendent Paul Cauruana gie misjub fuq Hard Disk 1 sa 19 il-filmati fuq tfal taht l-eta', u tlieta (3) minnhom kien juri tfal ta' taht id-disgha (9) snin. Di piu', kien hemm tmien mija u hdax (811)-il *movie clip* dwar *videos* ta' muzika u pornografija adulta.

F'*Hard Disk* misjuba fid-dar ta' l-imputat (msejjah "*roose*") Superentendent Caruana sab zewg *movie clips* dwar tfal taht id-disgha (9) snin u tlettax (13)-il *movie clip* fuq tfal bejn disgha (9) u tmintax (18)-il sena. Dawn instabu fost erba' mija u tlieta u hamsin (453)-il *file*.

Ir-relazzjoni tas-Seperentendent Paul Caruana giet mahlufa u konfermata minn Dok.PC

Roberta Holland, Psikologa tal-Forensika, fil-mori tal-kawza tat *assessment* approfondit fuq l-imputat u dana wara li ezaminatu fuq medda ta' ghaxar sessjoni ta' terapija.

Illi fir-rapport taghha, Dr. Holland, uriet il-fehma taghha u l-imputat ma weriex xi probabilita' li jattiva dak li ra fuq il-filmati u l-imputat dahal f'*advertisement* ta' *adult pornography* li mexxielu ghal *child pornography* minhabba l-ansieta' tieghu u n-negattivita' tieghu fuq il-hajja u d-diffikulta' tieghu li jesprimi l- emozzjonijiet tieghu. Dr. Holland kienet tal-fehma li terapija fuq perijodu ta' zmien jghin biex jgheleb din id-diffikulta' biex ma jaqghax ghal *virtual reality* billi jissostitwixxi l- intimita' sesswali permezz ta' pornografija.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 298(1)(f) 298B, 208A(1), 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin waqt li ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht *Treatment Order* ghal perijodu ta' sena, taht *Forensic Psychologist* Dr. Roberta Holland sabiex jiehu **dik it-terapija li jidrilha xierqa** billi jattendi *sessions* maghha bi frekwenza ta' mhux anqas minn darba fix-xahar ghal perijodu ta' sena.

Inoltre l- Qorti tordna il- konfiska u d- distuzzjoni tal-materjal- pornografiku.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija, l-eta' giovanili ta' l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, ambinata mar-realta harxa li huma persuni bhall-imputat li *jikkrejaw* id-*demand* ghal *child pornography* bil-konsegwenti, htif, martirju u anke omicidju ta' l-istess tfal.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------